# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 24 ta' April 2001 .

### Avviz numru : 31/93G2(PC)

**Nazzareno u Jane konjugi Grech, u b'nota tal-10 ta' Awissu, 1995, Mary Rose mart Carmelo Gauci assumiet l-atti tal-kawza minflok l-atturi Nazzareno u Jane konjugi Grech stante li jinsabu msiefra .**

**vs**

**Raymond Spiteri .**

**Il-Qorti ,**

**Rat l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhux ikun ikkundannat minn din il-Qorti jhallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni minhabba incident awtomobilistiku li gara fil-hmistax (15) ta' April, 1993 ghall-habta tal-4.15p.m. f'Imgarr Road, Kantuniera ma' Moghdija Street, Ghajnsielem, Ghawdex meta huwa b-imprudenza grassa, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku waqt li kien isuq mini-bus (Y 2317) dahal fuq vettura tat-tip Jeep Aro (F-2065) u b'hekk ikkaguna l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, li ghalih huwa unikament responsabbli u dana prevja d-dikjarazzjoni li huwa unikament responsabbli ghall-incident stradali in kustjoni .**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Mejju 1993 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha debitament ingunt .**

**Ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat li l-ammont ta' danni ma jaccedux l-ammont ta' mitejn u hamsin lira (LM250) .**

**Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-5 ta' Ottubru 1993 mnejn jirrizulta illi l-konvenut eccepixxa verbalment illi d-domanda attrici hija nfondata**

**peress li huwa ma kienx responsabbli ghall-incident mertu ta' dan l-avviz .**

**Semghet bil-gurament ix-xhieda prodotti .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .**

**Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi tal-kontendenti .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi din il-kawza tittratta kollizzjoni li sehhet fi Triq l-Imgarr Ghajnsielem bejn il-jeep misjuqa mill-attrici u l-Mini Bus misjuq mill-konvenut waqt illi l-attrici kienet qeghda f'manuvra biex tidhol fi Triq il-Moghdija fuq il-lemin taghha .**

**L-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni ta' htija fil-konvenut ghal din il-habta u l-konsegwenti kundanna tieghu ghall-hlas tad-danni kkagunati fil-vettura taghhom .**

**Mill-okkorrenza redatta 'a tempo vergine' minn PS. 369 Joseph Mizzi (Dok. JM 1), jirrizulta ili l-attrici spjegatlu l-incident bil-mod segwenti :**

**"Waqt li kont insuq fi Triq Mgarr fid-direzzjoni lejn ir-Rabat, meta kont qed noqrob lejn Triq il-Moghdija, xghelt id-dawl indikatur biex nikser, harist fil-mera u rajt li l-minibus kienet ftit il-boghod mhux hazin . Ghalhekk bdejt diehla go Triq il-Moghdija meta f'daqqa wahda l-Minibus dahlet go fija" .**

**Il-konvenut da parti tieghu sostna illi : "Waqt li kont tiela nsuq mill-Mgarr lejn ir-Rabat, f'daqqa wahda minn Triq Moghdija harget Jeep, ghamlet "U turn" fi Triq Mgarr . Meta rajt hekk, ippruvajt niskapulaha izda hi baqghet iddur biex terga' tidhol fl-istess Triq, tajt brejk, izda l-vetturi habtu" .**

**Is-surgent Mizzi spjega wkoll illi l-"Minibus Y-2317 garrbet hsarat fuq il-mudguard ta' quddiem tax-xellug, bumper cover tal-fanal u bieba ta' quddiem tax-xellug, filwaqt li l-jeep numru F-2065 kellha hsara fuq il-mudguard, bieba u 'side lamp' ta' quddiem lemin" .**

**Xhieda okulari ta' dan l-incident, apparti l-kontendenti ma kienx hemm . L-iskizz esebit mis-surgent Mizzi flimkien ma' l-okkorrenza relattiva, jindika li 'spot of impact' bl-ittra "X" kwazi fl-estremita' tal-lemin tal-karreggjata ta' min ikun niezel Triq L-Imgarr mir-Rabat quddiem l-entratura ghal Triq il-Moghdija . Jidhru 13.5**

**metres 'brake marks' imhollija mir-roti tal-Minibus tal-konvenut, liema 'brake marks' jibdew 'l barra mill-'broken double white line' li jaqsam it-triq u fuq il-karreggjata ta' min ikun niezel mid-direzzjoni tar-Rabat .**

**Kif jirrizulta minn dak li qalu l-partijiet lis-surgent Mizzi 'a tempo vergine' u anke minn dak li baqghu isostnu fid-depozizzjoni taghhom f'din il-kawza, hawnhekk ghandna zewg verzjonijiet kompletament differenti ta' kif sehhet din il-habta . L-attrici ssostni illi kienet qed taghmel semplici manuvra biex minn Mgarr Road (triq principali) tidhol fi Triq il-Moghdija (triq sekondarja), xeghlet l-indicator, rat li ma kienux gejjin vetturi mid-direzzjoni tar-Rabat, harset ukoll go l-mera u dehrilha li l-vetturi ta' warajha kienu ghadhom il-boghod, u bdiet taqsam . Il-konvenut minn naha l-ohra jikkontendi illi l-attrici kienet qed taghmel U-turn, billi harget minn Triq il-Moghdija, dawret f'Mgarr Road u regghet bdiet diehla fi Triq il-Moghdija . Jispjega wkoll illi kien qieghed 'wrong side' billi pprova jiehu 'evasive action' biex jevita l-karozza ta' l-attrici, li qatt ma xeghlet indicators biex turi x'kienet intenzjonata taghmel .**

**Huwa ghalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti sabiex wara li tezamina c-cirkostanzi kollha tal-kaz, tara liema verzjoni hija l-akar wahda kredibbli . Minhabba l-lokal fejn sehh dan l-incident, il-Qorti ssibha difficli hafna temmem li l-attrici kienet qed twettaq U-turn . Riedet tkun ferm irresponsabbli l-attrici sabiex hekk kif tkun harget fi triq principali u traffikuza bhal ma hi Mgarr Road, taqbad u ddawwar biex terga' tidhol fl-istess triq minn fejn ghadha kemm harget . Hija wisq aktar verosimili li l-attrici kienet qed tipprova taqsam Mgarr Road biex tidhol fi Triq il-Moghdija . Madankollu kienitx ghadha kemm harget minn Triq il-Moghdija jew le, huwa fatt innegabbbli li dak il-hin ta' l-incident l-attrici kienet qed twettaq semplici manuvra biex minn triq principali tidhol fi triq sekondarja fuq in-naha l-ohra ta' dik it-triq .**

**Ghal tali manuvra huma rilevanti s-segwenti regolamenti tal-Highway Code :**

**"76. Before changing directions reduce speed and keep a watch on the traffic behind you by glancing in your mirror .**

**77….If you wish to turn to the right, steer your vehicle as much as it is prudently possible to the centre of the road without, however, encroaching on the other half of the road …**

**79. When changing direction, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so**

**by looking in your mirror . Make sure that your direction indicator gives the signal intended and that it is cancelled immediately after use.**

**85. Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic . Signal your intention and, when safe to do so, take up the appropriate position . Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn" .**

**Ghalkemm il-konvenut isostni li l-attrici ma xeghlitx indicator, ma jirrizultax illi l-attrici naqset milli tiehu l-prekawzjonijiet kollha indikati b'dawn ir-regolamenti . Anzi mix-xhieda taghha jidher illi ghamlet proprju dak kollu li kien mitlub minnha fic-cirkostanzi . Il-'brake-marks' sostanzjali ta' 13.5 metri mhollija il-minibus tal-konvenut, jindikaw illi dan kien ghadu mbieghed mhux hazin mill-vettura ta' l-attrici meta l-ewwel induna b'li kienet ser taghmel, imma ghax kien gia ghaddej 'wrong side, x'hin beda japplika l-brakes, (kif jirrizulta mill-iskizz esebit), u ghax kien ghaddej b'certa velocita', (kif jindikaw it-tul ta' l-istess 'brake marks'), ma kienx kapaci jwaqqaf il-vettura tieghu fil-hin biex jiskansa l-habta . Ma jista' jkollha ebda tort l-attrici, jekk mill-mera tal-karozza taghha lill-konvenut ratu ghadu l-boghod, imbghad minhabba l-velocita' li kien ghaddej biha, lahaqha ferm aktar malajr milli qatt setghet basret . Di piu' kieku l-konvenut kien ghaddej fuq il-'lane' proprju tieghu u b'ferm anqas velocita', kien facilment jevita l-kollizjoni billi jibqa' ghaddej minn naha ta' gewwa tat-triq li zgur hija wiesa bizzejjed biex tippermettilu jghaddi liberament . L-ostakolu istantanju li sab il-konvenut ma kienx fuq il-'lane' tieghu, minn fejn huwa kellu kull dritt jippretendi li jibqa' ghaddej minghajr ebda xkiel, imma fuq in-naha l-ohra tat-triq, cioe' fuq il-'carriageway' tat-traffiku li jkun niezel mid-direzzjoni opposta . Il-konvenut ma kellu ebda raguni jokkupa dan il-lane hlief biex jevita xi ostakolu li jkun tfaccalu ghall-gharrieda fuq il-lane proprju tieghu, haga li ma kienitx il-kaz fic-cirkostanzi in ezami .**

**Ghal dawn il-motivi jirrizulta ghalhekk illi l-htija ghall-incident stardali mertu ta' din il-kawza, hija mputabbli biss ghall-konvenut . Dwar il-konsistenza tad-danni kkawzati fuq il-vettura ta' l-atturi xehed il-panel beater Guzepp Vella, li ghamel ir-riparazzjonijiet mehtiega fuq il-Jeep taghhom . Dawn it-tiswijiet huma kompatibbli ma' dak li rrizulta mis-survey report "JV 1" ( a fol. 17 tal-process) u dak li indika s-surgent Mizzi fuq l-okkorrenza dwar dan l-incident (Dok. JM 1) . Il-kont relattiv tela' ghal mija tmienja u tletin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (LM138.750), li l-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex m'ghandiex taccetta . Ma dawn l-atturi jippretendu wkoll tnax il-lira maltija (LM12) imhallsa ghas-'survey**

**report' u tliet liri (Lm3) ghall-kopja ta' li skizz ta' l-incident, skond ma tghid l-attrici fl-affidavit taghha (a fol. 42) . Dawn ukoll huwa ripettibli .**

**Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza, u tikkundannah ihallas lill-atturi is-somma ta' mija tlieta u hamsin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm153.75) in linea ta' danni kkagunati fuq il-vettura taghhom .**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut .**

**Magistrat .**

**Deputat Registratur .**

Si3193Pc
1563